

*Mejju - Ġunju*
*2018*
*Nru: 413*

# LEĦEN IL-PARROĊĊA

## tal-Qalb bla tebgħa ta' Marija - Burmarrad

### *B'pass ħafif*

Tfajla sabiħa tirċievi l-aħbar li ntagħżlet għal missjoni speċjali. Tagħżel li tafda lil min wasslilha l-aħbar minkejja li tibża' xi ftit għaliex dak li hu mitlub minnha huwa kbir ħafna u jbiddlilha l-pjan ta' ħajjitha. Issir taf ukoll li qariba tagħha anzjana għandha bżonn l-għajnuna għax qiegħda tistenna tarbija u tiddeċiedi li tibda l-ħajja ġdida tagħha billi tmur tħaffef lejn ir-raħal imbiegħed ta' qaribtha biex tkun viċin tagħha.

Din hija l-ġrajja ta' Marija, Omm Ġesù, li mat-tħabbira li kellha ssir Omm Alla rċeviet ukoll l-aħbar li x-xwejħa Eliżabetta kienet qiegħda tistenna tarbija wkoll. Ma qagħditx tħares lejn il-missjoni speċjali tagħha, ma tkabbritx u lanqas fittxet l-għajnuna għaliha nfisha għaż-żmien delikat li kellha tgħaddi minnu. Ħarset lejn il-ħtieġa ta' qaribtha, "qamet u marret tħaffef lejn l-għoljiet" sakemm waslet fid-dar ta' Żakkarija fejn flimkien ma' Eliżabetta setgħet tiggosta l-għemejjel ta' Alla.

Aħna u niftakru f'Marija matul ix-xahar ta' Mejju u nitħejjew biex f'Ġunju niċċelebraw il-Festa Titulari tal-parroċċa tagħna, ejjew nieħdu l-eżempju tagħha u ma nħallux il-fidi tagħna tkun bla ħeġġa jew fidi staġnata li tibża' tissogra. Inħallu l-ħajja ta' Marija tħeġġiġna biex inħaffu l-pass lejn min jeħtieġ l-għajnuna tagħna. Ħa tkun hi li tgħallimna kif naqsmu l-esperjenza tal-imħabba ta' Alla flimkien ma' ħutna biex nikbru f'komunità vera u ħajja ta' dixxipli tal-Mulej.

*P. Christian Anthony M. Borg OFM Conv.*
*Kappillan*

**Flimkien** *Tista taqra r-rivista Flimkien online:* [https://goo.gl/hz2umQ](https://goo.gl/hz2umQ)

## *Ifirħu u Thennew*

*Mill-ġabra fil-qosor tal-Eżortazzjoni Appostolika "Gaudete et Exsultate" tal-Papa Franġisk.*

Jeżistu ħafna għamliet ta' qaddisin. Barra mill-qaddisin magħrufa uffiċjalment mill-Knisja, ħafna iżjed persuni komuni, li mhumiex imsemmija fil-kotba tal-istorja, fir-realtà kellhom rwol deċiżiv biex bidlu d-dinja. Fost dawn, hemm ħafna xhieda Nsara li l-martirju tagħhom hu tipiku ta' żminijietna. "Kull qaddis għandu missjoni; hu pjan tal-Missier li jirrifletti u jlaħħam fih, f'mument determinat tal-istorja, aspett jew ieħor tal-Vanġelu". Il-qdusija tfisser li wieħed jgħix il-misteri tal-ħajja ta' Kristu, li "jmut u jqum kontinwament miegħu", u jerġa' jħaddan aspetti tal-ħajja tiegħu fuq din l-art: il-qrubija tiegħu għall-imwarrbin, il-faqar tiegħu, l-imħabba sagrifikali tiegħu. "Hi li tħallih [lill-Ispirtu] isawwar fik dak il-misteru personali li jista' jirrifletti lil Ġesù Kristu fid-dinja tal-lum", f'missjoni biex tibni s-saltna tal-imħabba, tal-ġustizzja u tal-paċi universali.

Il-qdusija hi varjata daqskemm varjata hi l-umanità; il-Mulej għandu fi ħsiebu mixja partikulari għal kull min jemmen, mhux biss għall-kleru, l-ikkonsagrati, jew dawk li jħaddnu ħajja kontemplattiva. Ilkoll aħna msejħin għall-qdusija, hu x'inhu r-rwol tagħna, "ilkoll imsejħin inkunu qaddisin billi ngħixu bi mħabba u kull wieħed minna joffri x-xhieda tiegħu", waqt li ta' kuljum induru lejn Alla. Fost il-modi li bihom nistgħu noffru x-xhieda tagħna hemm "stili femminili ta' qdusija", ta' qaddisin nisa ċelebri jew ta' nisa "mhux magħrufa jew minsija" li ħabirku fil-ħajja ta' kuljum tagħhom biex ġabu bidla fil-komunitajiet tagħhom. Barra l-isfidi l-kbar, il-qdusija tikber permezz ta' ġesti ċkejkna: meta nirrifjutaw li noqogħdu nlabalbu fuq l-oħrajn, meta nisimgħu bis-sabar u l-imħabba, meta llissnu kelma ta' ħlewwa lill-fqir.

Il-qdusija żżommok fidil lejn l-essri l-iktar profond tiegħek, ħieles minn kull xorta ta' jasar, biex b'hekk tagħmel il-frott fid-dinja tagħna. Il-qdusija ma tagħmlekx inqas bniedem, għax hi laqgħa bejn id-dgħufija tiegħek u l-qawwa tal-grazzja ta' Alla. Imma għandna bżonn ta' mumenti waħidna u ta' skiet quddiem Alla, biex nistgħu naffrontaw dak li aħna tassew u nħallu lil Alla jidħol.



*"Il-qdusija tikber permezz ta' ġesti ċkejkna."*

## *Binja xbieha tal-Knisja*

Fl-ewwel sekli tal-Knisja, il-komunità nisranija kellha tingabar bil-moħbi biex tfakkar il-misteru tal-mewt u l-qawmien ta' Ġesù u tiċċelebra l-Ewkaristija minħabba persekuzzjonijiet ħarxa. Hekk kif ir-reliġjon nisranija intlaqgħet mill-Imperu Ruman l-insara bdew jibnu l-bażilċi biex jingabru fihom u sabiex, anki waqt li ma jkun hemm ħadd fihom, jesprimu l-identità tal-Poplu ta' Alla.

Maż-żmien għadd kbir ta' periti u artisti bnew knejjes oriġinali u differenti u llum nistgħu ingawdu patrimonju artistiku u kulturali kbir. Imma dak kollu li nsibu fil-knejjes tagħna x'jgħid lil min jidħol fis-skiet għall-kurżità, biex jammira jew biex jitlob?



Aħna ninqdew bl-istess kelma meta nirreferu għall-Knisja ħajja li hija aħna l-insara u għall-knisja tal-ġebel propju għaliex dik tal-ġebel tispjega l-ħajja tagħna l-insara. Fl-ewwel sekli anki d-disinn tal-paviment kien jindika u jfisser din il-mixja. Maż-żmien xi affarijiet bdew jitilfu l-veru sinifikat tagħhom u bħallikieku biex jimlew dan il-vojt u jerġgħu jgħaqqdu lin-nies ma' dak li jsir fil-knisja bdew joħolqu interpretazzjonijiet oħrajn. Kien iż-żmien tal-allegorija li aktar firdet lill-insara mill-misteru (tal-mewt u l-qawmien tal-Mulej) li tiċċelebra l-Knisja. Minkejja li llum għandna ħafna opportunitajiet biex nidħlu fil-qalba ta' dak li niċċelebraw bħala nsara ħafna drabi nikkuntentaw li nibqgħu biss fuq livell superfiċjali jew li nagħtu tifsiriet sempliċi, jekk mhux banali, li ma jħallux lil qalbna tagħmel esperjenza ħajja tad-divin.

Illum sa nagħtu ħarsa ħafifa lejn l-element ċentrali ta' kull knisja li hu l-altar. L-altar huwa Kristu nnifsu li sar għalina l-qassis, l-altar u l-offerta. Huwa ċ-ċentru uniku ta' kull knisja bħalma Kristu hu l-ġebla tax-xewka ta' ħajjitna. Huwa jurina ż-żewġ tifsiriet tal-ikla ewkaristika li ma jistgħux jinfirdu wieħed mill-ieħor (is-*sagrifiċċju* u l-*ikla*). Ħafna drabi l-altari jinkludu dawn iż-żewġ realtajiet permezz tal-kolonni li jfakkru fil-mejda tal-ikla u blokka solida fin-nofs li tfakkar fl-altar tas-sagrifiċċju. Ir-riforma post-konċiljari titlob li l-knejjes ġodda li jinbnew ikollhom l-altar maqluh minn mal-ħajt biex is-saċerdot ikun jista' jdur miegħu u jħares lejn in-nies waqt li joffri lil Alla l-offerta tal-Knisja li hija Kristu nnifsu.

Il-misteru li aħna niċċelebraw huwa r-rippreżentazzjoni tal-Għid ta' Kristu (passjoni, mewt u qawmien) u għalhekk insibu l-kurċifiss fuq l-altar fiċ-ċentru tal-attenzjoni.

## Kalendarju

**Mejju**

**5-6** Bazaar għall-Festa fid-Dar Parrokkjali.

**7** Rużarju fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II fil-5.30pm.

**9** Festa ta' San Ġorġ Preca. Quddiesa għat-tfal fis-7pm.

**11** Pelleġrinaġġ għall-parroċċa tal-Fontana li hija ġemellata mal-parroċċa tagħna.

**11** Laqgħa għall-ġenituri tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina fil-MUSEUM fil-5pm.

**12** L-ewwel Qrara tat-tfal fil-Knisja fil-5.30pm

**14** Rużarju fi Triq Manwel Bonnici fil-5.30pm

**15** Laqgħa għall-ġenituri tal-adolexxenti tal-Griżma fiċ-Ċentru fis-6pm.

**19-20** **Pentecoste** – Għid il-Ħamsin u għeluq ta' Żmien il-Għid.

**21** Rużarju fi Triq l-Insolja fil-5.30pm.

**26** Irtir għat-tfal tal-Ewwel Tqarbina.

**26** Majjalata fuq iz-Zuntier. *Booking mal-Kumitat Festa.*

**28** Rużarju fi Triq il-Wardija fil-5.30pm.

**30** **Anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokkjali** – Quddiesa Solenni fis-7pm.

**31** Ċelebrazzjoni Marjana fi tmiem ix-xahar ta' Mejju fuq iz-zuntier fis-7.30pm.

**Ġunju**

**1** Quddiesa tal-Ewwel Ġimgħa tax-xahar għat-tfal fil-5pm fil-Knisja. Wara jsiru l-provi tal-Ewwel Tqarbina.

**3** L-Ewwel Tqarbina fil-5.30pm.
Fis-6.30pm tibda l-purċissjoni b'Ġesù Ewkaristija fil-festa ta' *Corpus Domini* li tgħaddi minn dawn it-toroq: Burmarrad, S. Pawl Milqi, P. Wistin Magro, Magħsar u Burmarrad. *(Ma jkunx hemm quddiesa fis-7pm).*

**8** Festa tal-Qalb ta' Ġesù.

**9** Festa liturġika tal-Qalb bla tebgħa ta' Marija. Quddiesa Solenni fis-7pm immexxija minn P. David Cortis OSA.

**10** Ġabra bieb bieb mill-Kumitat Festa għall-festa ta' barra.

**Bejn is-17 u l-24 ta' Ġunju niċċelebraw il-Festa Titulari tal-Qalb bla tebgħa ta' Marija. Il-programm tal-festa jinsab fil-ktejjeb tal-Festa li jitqassam aktar tard.**

Ma' din il-ħarġa qiegħed jintbagħat envelop biex fih tkun tista' tagħti d-donazzjoni tiegħek għall-Festa Titulari li tiġi ċċelebrata fil-Knisja. Tista' tibgħatu bil-posta jew tieħdu l-knisja. Dan l-envelop ma jinġabarx bieb bieb.

*Jekk tixtieq toffri arranġament ta' fjuri biex bih tiżżejjen il-knisja fil-jiem tal-festa għandek tħalli l-isem li tixtieq li jidher fuq il-biljett flimkien mal-ħlas ta' €35 fis-sagristija sal-Ħadd 10 ta' Ġunju.*